Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Numru. 55/2012

**Il-Pulizija**
(Spettur Frank Anthony Tabone)

**vs.**

**Ismail Zmirli**

**Kumpilazzjoni numru 55/2012**

**Illum 4 ta' Lulju 2012**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Ismail Zmirli ta' dsatax (19) il-sena, iben Adburazag Ismail u Nagat nee' Benmansur, imwieled Pieta' Malta, nhar l-14 ta' Mejju 1993, residenti No. 54, 'The Hollies', Triq G.Despott, San Gwann, Malta, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 239393M, akkuzat talli nhar is-17 ta' Frar 2012 u fil-granet

ta’ qabel, gewwa l-Gharb Ghawdex u f’postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer, f’hinijiet differenti;

1. Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 8(a) u 8(d), tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali datat 4 ta’ Mejju 2012 (Dok. “C”).

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissoni bikrija tal-imputat, in-natura tar-reat migjub fil-konfront tieghu, il-fedina penali tieghu (li hija wahda nadifa) u kif ukoll il-ko-operazzjoni tieghu mal-Pulizija.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti u dana peress illi gie dikjarat li ma gewx imqabbda l-ebda esperti.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tas-sustanza li tinsab fid-dokument "FT 1" u tordna li dan isir taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------